# Beati u Qaddisin...Dicembru

## Santa Marija Crocifissa (Paola) di Rosa Vergni  15 ta' Dicembru

Missierha, Klement di Rosa kien negozjant maghruf minn Brescia. Ommha Camilla Albani, ta' nisel nobbli minn Bergamo mietet meta Pawla Frangiska kellha biss hdax-il sena. Ta' dik l-etahija dahlet tistudja fil-kunvent tal-Vizitazzjoni u hareg meta lahqet l-eta' ta' sbatax-il sena. Missierha hajjarha ghaz-zwieg imma hija ma riedet tafx b'xejn ghaliex xtaqet li zzommha il-vot tal-kastita li ghamlet meta kienet fil-kunvent.


SANTA MARIA CROCIFISSA DI ROSA

FONDATRICE DELLA CONGREGAZIONE

"ANCELLE DELLA CARITÀ DI BRESCIA"

Missierha malajar ta x'taghmel. Baghtha tmexxi fabbrika tal-hajt tal-harir gewwa Acquafredda, pajjiz gewwa Brescia flimkien ma xi sittin haddiem iehor. Hekk sabet ruhha z-zaghzugha tidderigi fabbrika tal-familja. Ghalkemm f'dan ix-xoghol  impenjattiv, hija xorta wahda sabet hin biex tiddedikah ghat-taghlim tal-katekizmu lil  xebbiet ohra, mghejjuna minn tfajliet hbieb taghha. Ma naqsitx li tghin lil min kien batut u fqir. Flimkien ma shabha kienet taghmilha wkoll ta' infermierja volontarja minghajr ebda rikkonoxximent civili jew ekklesjastiku.

Fis-sena 1836 il-Lombardija intlaqet mill-kolera u mat-32 elf ruh sfaw vittma taghha. Din il-marda qerrieda xterdet mal-Veneto u ma' l-Emilja. Ma' shaba Pawla offriet servizz volontarju fil-lazzaretti, ghenet kif setghet lill-morda fi djarhom u hadet hsieb l-orfni. Bdiet sahansitra zewg skejjel ghal dawk torox u muti.

Fis-sena 1840 sabet ruhha kap ta' 32 tfajla ikoll b'responsabilita' u esperjenza ta' infermiera kif ukoll mhejjija ghat-taghlim religjuz izda ma kellhom approvazzjoni minghand ebda awtorita' minhabba s-sitwazzjoni politika ta' dak iz-zmien. Ir-risultat kien wiehed : ufficjalment Marija u shabha ma kienux jezistu.

Imma ghan-nies ta' Brescia dawnkienu jezistu ghax kienu jaraw b'ghajnejhom stess il-gid kbira li kienu qeghdin jaghmlu u l-kuragg li wrew meta taw l-ghajnuna taghhom lil feruti waqt il-glied li nqala' fir-rebbiegha tas-sena 1849 waqt il-gwerra maghrufa ta'l- "Ghaxart Ijiem", ossija meta l-belt irribellat kontra l-awstriaci li kienu qed jahkumha.

Fl-ahhar fis-sena 1851 l-kommunita' giet moghtija l-approvazzjoni mis-Santa Sede bhala kongregazzjoni religjuza bl-isem ta "l-Qaddejja tal-Karita". Fis-sena 1852 Pawla Frangiska hadet il-voti u bhala religjuza ghazlet l-isem ta' Swor Marija Krocifissa. Hija mexxiet l-ghaqda taghha fl-opri tal-karita zda ghalkemm ghadha zaghzugha mardet u mietet meta kellha biss 42 sena Il-Papa Pio XII iddikjarha qaddisa fis-sena 1954. Il-fdalijiet taghha huma mizmuma b'ghozza kbira fil-Casa Madre gewwa Brescia